Awtorita’ ta’ Malta għall-Ambjent u r-Riżorsi
Hexagon House,
Telgħet Spenser,
Il-Marsa, MRS 1441.

22923500
www.era.org.mt
groundwater.era@era.org.mt

# APPLIKAZZJONI BIEX TAĠĠORNA R-REKORDS TA’ UTENT/I TA’ SORS NOTIFIKAT TAL-ILMA TA’ TAĦT L-ART

Din l-applikazzjoni trid timtela KOLLHA u b’mod ċar u leġġibli. Applikazzjonijiet li mhumiex mimlija għal kollox, jew li ma jistgħux jinqraw, jew li ma jimtlewx sew, jew li ma jkunux qed jużaw il-verzjoni koretta li tinsab fuq il-websajt tal-ERA, jistgħu jiġu ttardjati jew ritornati.

| | | |
|---|---|---|
| **SEZZJONI A- INFORMAZZJONI ĠENERALI** | | |
| **A1. INFORMAZZJONI DWAR L-APPLIKANT**<br>Għandha tiġi mimlija jekk l –applikazzjoni tkun magħamula minn individu | | |
| Titolu: | Isem u kunjom sħieħ: | |
| Numru tal karta ta’l-identita’: | Numru tal-VAT: | Numru ta’ licenzja tan-negozju: |
| Indirizz tal-Applikant: | | |
| | | |
| Numru tat-telefon: | Numru tal-mobile: | Indirizz tal-email: |
| Għandha tiġi mimlija jekk l –applikazzjoni tkun magħmula f’isem kumpanija/organizzazzjoni ġuridika | | |
| Isem tal-kumpanija/organizzazzjoni guridika: | | |
| Numru ta’ Registrazzjoni tal-Kumpanija: | | |
| Tip ta kumpanija: | | |
| Ltd ☐ | Organizzazzjoni ☐ | Oħrajn(specifika) ☐ |
| PLC ☐ | Korporazzjoni ☐ | |

| | | |
|---|---|---|
| **A2. DETTALJI TAR-RAPPREZENTANT LEGALI**<br>*Għandha tiġi mimlija jekk applikabli* | | |
| Titolu: | Isem u kunjom sħiħ: | |
| Pozizjoni: | | |
| Indirizz ta’ kuntatt: | | |
| | | |
| Numru tat-telefon: | Numru tal-mobile: | Indirizz tal email: |

| **SEZZJONI B- DETTALJI TAS-SORS** | |
|---|---|
| **B1. Post u dettalji tas-sit tas-sors** | |
| Indirizz tas-sors tal-ilma ta'taht l art: | |
| Isem tal-art fejn jinsab is-sors: | |
| Limiti ta': | |
| Iddeskrivi fejn jinsab is-sors:(Dar jew garaxx/għelieqi/razzett/fond fejn issir attivita'ekonomoka): | |
| Numru ta' utenti ta' dan is-sors: | |
| Numru ta pompi installati: | |
| Numru ta' metri installati: | |

| **SEZZJONI C- UTENTI KOLLHA** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Isem u kunjom:** | **Numru tal-karta tal-identita'** | **Immarka jekk persuna trid titneħħa** | | | **Firma tal-persuna** |
| | | **L-ebda bidla** | **Tiżdied** | **Titneħħa** | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

| **SEZZJONI D- UTENTI ĠODDA** | | |
|---|---|---|
| Titolu: | Isem u kunjom sħieħ: | |
| Numru tal karta ta'l-identita': | Numru tal-VAT: | Numru ta' licenzja tan-negozju: |
| Indirizz tal-Applikant: | | |
| | | |
| Numru tat-telefon: | Numru tal-mobile: | Indirizz tal-email: |
| X'hinu s-sehem tiegħek (%) tal-ilma tas-sors? | | |
| Għal xiex tuża l-ilma? | (Attivita' domestika/tisqija/ekonomika minbarra tisqija) | |
| L-ilma minn dan is-sors jinbiegħ lil partijiet terzi? | (iva/le) | |
| L-ilma minn dan is-sors jiġi ttrasportat barra mis-sit? | (iva/le) | |
| Liema tip ta' pompa huma installati? | (sommerġibli,pompa tal wiċċ,pompa tal-pistun tar-rih jew tip ieħor) | |

## SEZZJONI E: DOKUMENTI/ INFORMAZZJONI LI ĠĦANDHOM JIGU SSOTTOMESI MAL-APPLIKAZZJONI

1. Ħlas ta' applikazzjoni ta' Eur50. Il-ħlasijiet jistgħu jsiru direttament permezz ta' https://era.org.mt/pay/. Jekk jogħġbok ikkwota l-isem tal-applikant meta tissottometti l-ħlas.
2. Kopja tal-pjanta tas-sit: estratt A4 mill-aħħar folja ta' stħarriġ fuq skala ta' 1:2500 li turi:
   - Iddeskrivi l-konfini tas-sit bl-ahmar fuq il-pjanta tas-sit.
   - Il-pożizzjoni li minnha ttieħed ir-ritratt fuq il-pjanta tas-sid.
   - Inkludi l-koordinati tas-sit, il-punt tat-tramuntana w d-distanza mill-eqreb kantuniera ta'bini eżistenti fuq il-pjanta tas-sit
3. Ritratt wieħed li juri s-sit fejn jinsab is-sors, l-inħawi tiegħu u lpost tas-sors,bil-punt minn ferjn ittieħed ir-ritratt jidher fuq il pjanta tas-sit.
4. Ritratt tal-meter/i li juri n-numru tas-serje, jekk applikabbli.

## SEZZJONI F: DIKJARAZZJONI DWAR SJIEDA TA'ART

| | |
|---|---|
| Jien, biss jew flimkien ma' oħrajn, għandi l-kontroll effettiv tal-użu fuq l-art li fiha jkun jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art, u għall-finijiet ta' din l-applikazzjoni, kontroll effettiv tal-użu għandu jfisser l-okkupazzjoni tal-art in kwistjoni. | (Iva / le) |

## SEZZJONI G: DIKJARAZZJONI MILL-APPLIKANT PRINĊIPALI

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li għandi kontroll effettiv fuq, u nista' nagħmel użu, mis-sors ta' ilma ta' taħt l-art bin-Numru ta' Reġistrazzjoni/Notifika: _____________ li jinsab f/i' __________________________________________________ kif muri fil-pjanta tas-sit mehmuża. Nikkonferma li s-sors ta' ilma ta' taħt l-art huwa attwalment użat mis-sottoskritt u li jiena l-uniku utent / wieħed mill-utenti ta' dan is-sors ta' ilma ta' taħt l-art. Nikkonferma li ser ngħarraf lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (minn issa 'l quddiem imsejjħa l-'Awtorità') bi kwalunkwe tibdil fir-rigward tar-reġistrazzjoni tas-sors ta' ilma ta' taħt l-art.

Niddikjara li għandi kontroll effettiv fuq, u nista' nagħmel użu, mis-sors ta' ilma ta' taħt l-art legalment u b'mod leġittimu. Niddikjara li nfurmajt lill-utenti l-oħrajn kollha, jekk hemm, dwar din l-applikazzjoni.

Naċċetta u nifhem li r-reġistrazzjoni tiegħi bħala utent ta' dan is-sors ta' ilma ta' taħt l-art bl-ebda mod ma tagħtini ebda dritt sabiex niġbed ilma minn dan is-sors, jew biex narmi xi materjal, kemm likwidu kif ukoll solidu, jew biex inħalli dan is-sors miftuħ. Naċċetta u nifhem ukoll li l-Awtorità tista' fi kwalunkwe ħin tordna lis-sottoskritt sabiex jagħlaq dan is-sors ta' ilma ta' taħt l-art, minkejja l-fatt li s-sors ikun irreġistrat / notifikat u d-drittijiet relattivi tar-reġistrazzjoni / notifika jkunu tħallsu. Nifhem u naċċetta wkoll li permezz ta' din ir-reġistrazzjoni bħala utent tas-sors ta' ilma ta' taħt l-art, jiena ma nkun qiegħed bl-ebda mod nikseb jew nottjeni xi dritt vestit fir-rigward tas-sors ta' ilma ta' taħt l-art.

Nifhem li l-Awtorità għandha d-dritt u għalhekk tista', twettaq kwalunkwe investigazzjonijiet li tqis bħala neċessarji sabiex tiddetermina l-preċiżjoni tal-informazzjoni kollha pprovduta f'din l-applikazzjoni jew mehmuża magħha. Nikkonferma u niddikjara li ser nipprovdi kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun raġonevolment mitluba mill-Awtorità b'rabta ma' din in-notifika.

| | |
|---|---|
| Isem u kunjom: | Numru tal-Karta tal-Identità / Permess ta' Residenza / Passaport: |
| Firma: | Data: |

## SEZZJONI F: JEKK JOGĦĠBOK AQRA DAWN LI ĠEJ QABEL MA FIRMAT – IFFIRMATA MILL-APPLIKANT EWLENIN U UTENTI OĦRA

**Klawżola tal-Protezzjoni tad-Data**

F'termini tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, 2018 (Kap 586), aħna ser nipproċessaw kwalunkwe data personali u/jew sensittiva fornita f'din l-applikazzjoni, talba jew formola ta' notifika jew li tiġi pprovduta minn għandek sussegwentement, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, għal kull wieħed jew għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

Biex nipprovdu s-servizz tagħna lilek, inkluż l-ipproċessar xieraq tal-applikazzjoni tiegħek, talba u/jew notifika kif ippreżentat;
Biex nidentifikawk u għall-verifika tal-informazzjoni pprovduta lill-uffiċjali tagħna;
Prevenzjoni, skoperta u/jew prosekuzzjoni ta' frodi u kwalunkwe attività kriminali oħra li l-Awtorità hi obbligata tirrapporta u/jew taġixxi fuqha waqt li tissodisfa kwalunkwe obbligi legali jew regolatorji speċifiċi oħra;
L-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' xi azzjoni legali;
Ġestjoni interna, riċerka u statistika, amministrazzjoni tas-sistemi, l-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi tagħna;
Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-interessi leġittimi tagħna u l-kondotta xierqa tal-obbligi tagħna li jirriżultaw minn kwalunkwe liġi jew strument statutorju; u
Biex nagħmlu pubblika l-informazzjoni neċessarja kif speċifikat fil-liġijiet relevanti u biex inwettqu obbligu skont il-liġi.
Inti tirrikonoxxi li fir-reviżjoni ta' din l-applikazzjoni, l-Awtorità tista' tipproċessa, tiżvela, tittrasferixxi jew taqsam id-data personali tiegħek mal-impjegati tagħha; ma' kwalunkwe Awtorità jew Entità Governattiva oħra; u ma' kwalunkwe parti terza oħra sabiex tikkonforma mal-Liġijiet applikabbli, u billi tiffirma din il-formola inti qed tagħti l-kunsens tiegħek lill-Awtorità biex tagħmel dan. Kull kamp fuq il-formola huwa mandatorju. Jekk tonqos milli timla xi kamp mandatorju jew tħassar xi kamp, nirriżervaw id-dritt li nirrifjutaw l-applikazzjoni. Għandek id-dritt li titlob li nipprovdulek aċċess għad-data personali tiegħek kif ukoll id-dritt li tikkoreġi, jew, f'ċirkostanzi xierqa, tħassar/teditja kwalunkwe data personali żbaljata, inkompleta jew immaterjali li qed tiġi pproċessata. Madankollu, inti obbligat li tinfurmana immedjatament b'kwalunkwe bidla relatata mad-data personali tiegħek li qed nipproċessaw. Billi tiffirma din il-formola, tikkonferma li qed tagħti l-kunsens espliċitu tiegħek, f'termini tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, f'isem tiegħek u ta' kull persuna oħra speċifikata f'din il-formola biex l-Awtorità tipproċessa l-informazzjoni personali rispettiva tiegħek kif deskritt hawn fuq u tikkonferma li ġibt din in-notifika tal-Protezzjoni tad-Data għall-attenzjoni ta' dawn il-persuni l-oħra u ksibt il-kunsens rispettiv tagħhom. Id-dokumentazzjoni kollha, bl-eċċezzjoni tad-dettalji personali u d-data sensittiva kummerċjali, tkun aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-Websajt tal-ERA.

Aħna nistinkaw biex nimplimentaw miżuri u salvagwardji xierqa għall-għan tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-data kollha pproċessata. Jien iffirmat hawn taħt napplika għal Permess kif indikat hawn fuq, u niddikjara li, għall-aħjar tal-għarfien tiegħi, l-informazzjoni kollha li tinsab f'din l-applikazzjoni u fil-formoli supplimentari u d-dokumentazzjoni sottomessa hija kompluta u korretta. Nifhem ukoll li kwalunkwe informazzjoni mhux kompluta, qarrieqa jew falza tħassar l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni, u tista' wkoll iġġib kwalunkwe penali rilevanti u/jew azzjoni legali. Nifhem li jekk il-Permess fir-rigward ta' din l-Applikazzjoni jiġi mogħti, rifjutat jew miċħud mill-Awtorità, l-Awtorità tista' skont il-Liġi tiżvela u/jew tippubblika d-Data Personali tiegħi, u għall-iskopijiet kollha, b'dan qed nagħti l-kunsens sħiħ tiegħi lill-Awtorità biex tagħmel dan. Niddikjara wkoll li qrajt il-klawżola tal-protezzjoni tad-data hawn fuq.

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| Applikant Principali-Isem u kunjom sħiħ | Firma | Data |
| | | |
| Isem u kunjom sħiħ | Firma | Data |
| | | |
| Isem u kunjom sħiħ | Firma | Data |
| | | |
| Isem u kunjom sħiħ | Firma | Data |